# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 48

17 ta' Jannar, 2023

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-1.45 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Clayton Tewma – Kunsillier
Joseph Bajada – Kunsillier
Steven Gauci – Kunsillier
Francesca Borg – Ambaxxatur taż-Żgħażagħ

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

# Aġenda Nru. 48

48.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
48.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 47 – 9;
48.3 Aġġornament dwar il-proġett ta' pavimentar u rinovar ta' Pjazza Santa Margerita;
48.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;
48.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
48.6 Komunikazzjoni;
48.7 Ħruġ ta' Offerti –
Restawr tal-Kalkara tal-Ġir
Eletrical works, Airconditioning and Audio Visual System
Pavimentar
Servizz għall-knis u t-tindif ta' toroq urbani;
48.8 Rapport ta' Kull Kwart 3/2022;
48.9 Performance Bonus ta' impjegat 2022;
48.10 Weekend Break soċjali u kulturali f'Malta 10-12 ta' Frar 2023;
48.11 Dramm tal-Għid – "Ġrajjietna";
48.12 Jum Sannat 2023;
48.13 Attivitajiet oħra;
48.14 Ilmenti u Suġġerimenti;
48.15 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 1/2023;
48.16 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 48.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

48.1.1 Is-Segrertarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji ħlief li l-Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ għandha tattendi għal din l-laqgħa ftit aktar tard.

## 48.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 47 – 9

48.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħa preċedenti Nru. 47 – 9 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Fuq dawn ma kienx hemm emendi, b'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill preżenti, dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 48.3 Aġġornament dwar il-proġett ta' pavimentar u rinovar ta' Pjazza Santa Margerita

48.3.1 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill dwar l-iżvilupp tal-proġett ta' riġenerazzjoni fi Pjazza Santa Margerita.

48.3.2 Il-Kunsill ġie nfurmat minn naħa tal-SCH, il-*Cart Ruts* misjuba fil-pjazza għal ebda raġuni ma jistgħux jitmessew. Għalhekk issa irid isir tibdil fil-pjanijiet, biex jingħaqad mal-U sections li hemm fejn il-Bank of Valletta. Għaldaqstant waqt il-laqgħa li ssir kull ġimgħa rigward il-proġett tal-pjazza, issemmiet il-possibilita li jeżisti drillers apposta biex ikunu jistgħu jgħaddu s-servizzi minn taħt il-*Cart Ruts*.

48.3.3 Fis-13.49 daħal għal-laqgħa il-Kunsillier Tewma.

48.3.4 Is-Segratarju Eżekuttiv, dak inhar tal-laqgħa tal-pjazza, ċempel lill-kuntrattur partikolari, li minn naħa tiegħu għamel *site visit* il-Ħadd 15 ta' Jannar u anki kkonferma li għandu drillers b'qisien differenti.

48.3.5 Is-Sindku ssuġġerixxa li jsiru żewġ toqob tal-400 li jkunu biżżejjed għall-fatt ukoll li l-Enemalta ma tħallix jgħaddi xejn mall-*high tension*, pero indika li dejjem iridu jsaqsu lill-Perit għal-opinjoni tiegħu. Il-Kunsillier Bajada qajjem il-punt li jsiru tliet toqbiet, tnejn ta' 8' u waħda tal-400. Dawn ikunu għal high tension u oħra għal affarijiet zgħar, bit-toqba l-oħra tal-400 għal li jista jinqala fil-futur.

48.3.6 Il-Kunsill talab lill-kuntrattur biex jagħti kwotazzjoni għax din ma kienitx parti mill-proġett maħsub. Minn naħa l-oħra il-Perit irid jagħmel *Works Method Statement* biex jgħaddieh lil-SCH għal approvazzjoni, probabilment li tkun fl-affermattiv la darba l-*Cart Ruts* ma jkunux ser jintmessu.

48.3.7 Is-Sindku kompla jaġġorna lill-Kunsilliera li l-Kuntrattur fetaħ parti minn Triq Sannat għal raġuni li l-ilma ma kienx qiegħed jiddrenja minn dawn il-*U sections*. Għalhekk se jitbaxxew iktar l-isfel u eventwalment s-sistema ta' l-ilma tal-pjazza tiddrenja waħidha.

48.3.8 Is-siġar tal-Oleander mill-Pjazza bdew ukoll jinżabru, u qed isiru toqob fi Triq id-Dahla taċ-Ċnus biex jiġu rilokati.

48.3.9 Issa l-ħsieb huwa li tittranġa l-pjazza biex it-traffic jiġi ddevjat lejn in-naħa Ta' Cenc. Hekk ikun jista jkompli x-xogħol fuq in-naħa ta Triq Dun Xand Aquilina fejn il-każini u wara l-knisja bit-tkomplija tas-sistema tad-drenaġġ u l-*main* tas-6' ta' l-ilma. Il-fażi ta' wara tikkonsisti li titkisser l-art u ssir sodda tal-konkos u eventwalment jibda x-xogħol fuq il-pavimentar. Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri li s-samples tal-pavimentar waslu u jidher li hu ta' materjal b'saħħtu ħafna u tqil. Wara konsultazzjoni mal-perit, flimkien mas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv, l-materjal ġie ordnat mill-Kuntrattur u l-isperanza hi li jasal f'qasir żmien. Sa dan it-tant ix-xogħol jista jkompli minn-naħa tal-Każin Laburista, fejn isir l-iskavar u wara l-approvazzjoni mill-SCH, ikun jista jitkisser il-blat.

48.3.10. Is-Sindku kompla li l-SCH issuġġerixxiet li tħammil tal-ġibjun jsir fl-istaġun tas-sajf. Għalhekk f'waħda mill-laqgħat ta' kull ġimgħa tal-Pjazza isir *Works Method Statement* minn naħa tal-Perit u jgħaddieh lill-Kuntrattur għal kwotazzjoni. It-tħammil se jsir bl-idejn, wara li jinqalgħu iż-żewġ planki tan-nofs.

48.3.11 Fuq il-progett tal-pjazza, is-Sindku għalaq billi qal li l-problema tad-drenaġġ ta' wieħed mir-residenti issolviet b'mod favorevoli minn naħa tal-Water Services. Fuq iz-zuntier saru xi *trail holes* biex ikun identifikat x'materjal hemm taħt iz-zuntier u jaraw il-fond tat-torba għax eventwalment se jgħaddu xi trinek għas-sistema tad-dawl. Rigward l-għamara li se jkun hemm fil-pjazza, il-Perit indika li aħjar isir xi tqejjid ta' pavimentar ħalli jkun jista jara viżwalment l-estetika tal-proġett.

48.3.12. Is-Sindku spiċċa l-aġġornament tal-pjazza billi rribadixxa li l-għan huwa li x-xogħol ikun lest kollu sa l-aħħar t'Ottubru, bl-isperenza li ma jinqalgħux aktar intoppi u skoperti ġodda.

## 48.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

48.4.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva dawn il-kontijiet relatati max-xogħol tal-proġett tal-pjazza mill-laqgħa preċedenti l'hawn u li dawn se jintbagħtu lid-Direttur tal-EcoGozo (MGOZ) ġa la darba jiġu approvati mill-Kunsill. Dawn il-kontijiet huma:
Galea Curmi Eng. Cons. Ltd. għal Consultancy – Decorative lighting system u CCTV system u preparazzjoni tal-offerti. €5055.12
Galea Curmi Eng. Cons. Ltd.– Decorative lighting system 3D model and preparation of light simulation report €4602.00
Ing. Christian Cordina għal servizz ta' Project Manager għax-xahar ta' Novembru 2022 għall-prezz ta' €1260.00
Ing. Christian Cordina għal servizz ta' Project Manager għax-xahar ta' Diċembru 2022 għall-prezz ta' €1260.00
AIS Ltd. għal servizz ta' Archeological Monitor għax-xaħar ta' Novembru 2022 għall-prezz ta' €1214.57
AIS Ltd. għal servizz ta' Archeological Monitor għax-xaħar ta' Diċembru 2022 għall-prezz ta' €2480.83

Stephen Mifsud għal konsultazzjoni u preparazzjoni għal-offerta ta' qlugħ tas-siġar tal-Oleander minn Pjazza Santa Margerita biex jiġu rilokati fi Triq d-Daħla taċ-Ċnus kif mitlub mill-ERA. Għall-prezz ta' €1050.00
Richard Cauchi – 2nd bill embelishement and repaving Pjazza Santa Margerita €111,837.43
Edward Scerri – Servizz ta' Perit inkluż ċertifikazzjoni Claim 1 embelishment and repaving Pjazza Santa Margerita €5886.18
Il-Kunsill qabel li dawn jiġu approvati.

48.4.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għada l-Erbgħa 18 ta' Jannar 2023, fl-uffiċċju tal-Kunsill, fil-11.00 a.m. ser issir laqgħa mall-Community Policing fejn għandhom jiġu diskussi materji vari. Dawn jinkludu l-konfuzjoni tat-traffiku li qed jinħoloq fil-ħinijiet ta' l-iskola issa li qed isiru xogħlijiet fi Triq Sannat, u kif il-pulizija tista tgħin f'din is-sitwazzjoni. Ser isir ukoll diskussjoni dwar il-festi tal-Karnival li ġejjin, speċjalment fejn jidħlu farmhouses u appartamenti tal-kiri li jinkrew biex tinżamm il-paci pubblika u jitnaqqas l-istorbju eċċessiv speċjalment tard bil-lejl.

48.4.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nhar il-Ħamis 26 ta' Jannar 2023, fl-9.45 ser issir laqgħa mall-Ministru għal Għawdex fejn se jiġi diskuss l-istat ħażin ta' Triq Xamgħan, Triq Dun Lazzru Camilleri, Triq Paranji, Triq Gerxija u parti minn Triq il-Kbira (il-parti t'isfel) għal-fatt li qed isiru xogħlijiet ta' trinek biex jiddaħlu s-servizzi essenzjali bil-konsegwenza li l-istat tat-triq qed fi stat ħazin avolja sar xi asfaltar. Fuq l-Aġenda hemm ukoll it-tiġrija taż-żwiemel u l-andament tal-proġett ta' Pjazza Santa Margerita, il-Proġett tal-pompa ta' l-ilma fil-wied ta' Mġarr ix-Xini u l-pixxina taż-żwiemel. Il-Kunsillier Gauci staqsa rigward it-triq Dr. Anton Tabone u t-tkomplija ta' l-asfaltar ta' din it-triq. Is-Sindku stqarr li l-Kuntrattur tal-pjazza hu l-istess kuntrattur li se jkun qed jagħmel it-triq, u rribadixxa li minn naħa tal-Ministeru għal Għawdex hemm il-kuntratt eżistenti u għalhekk se jitolb aġġornament.

48.4.4 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li bħalissa qed titħejja l-applikazzjoni taħt Miżura 4.3 fondi ewropej biex jiġu asfaltati t-Triq il-Gruwa dik ta fuq it-Triq ta' Mġarr ix-Xini u Triq id-Daħla taċ-Ċnus. L-applikazzjoni tinsab għaddejja, il-Kunsill qed jistenna risposta minghand l-Awtorita tal-Ippjanar u l-ERA kif ukoll il-Managing Accounts. Is-Sindku qal li rreġistra għal laqgħa ta' informazzjoni fuq il-fondi ewropej u stieden ukoll jekk hemmx xi Kunsillieri interessati li jattendu.

48.4.5 Is-Sindku għarraf lill-Kunsillieri dwar il-branding għal użu mill-van tal-Kunsill. Is-Sindku qara l-flyer li se jitqassam lir-residenti Ta' Sannat.

48.4.6 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar d-devoluzzjoni tal-pompa tal-wied ta' Mġarr ix-Xini biex din tkun tista tgħaddi f'idejn il-Kunsill u b'hekk ikun jista jgħamel it-talba lill-Ministeru għal Għawdex biex din il-pompa tingħata l-preġju li tistħoqq. Il-Kunsill irid jimla l-applikazzjoni li mbaghad tgħaddi lill-Dipartiment għall-Gvern Lokali, li jipproċessawha mad-Dipartiment tal-Lands. F'din l-applikazzjoni hemm parti li trid tintela biex tikkonferma li l-kunsill qiegħed finanzjarjament stabbli, liema parti ma tistax tintela għal-raġuni li l-fondi se jiġu mill-Unjoni Ewropeja jew fondi lokali. Il-Ministeru għal Għawdex jixtieq li jsir ftehim pero jekk il-Kunsill ma jkollux devoluzzjoni ta' l-art, dan il-ftehim ma jistax isir. Minn naħa l-oħra l-applikazzjoni mall-Lands biex tiġi devoluta l-art irid ikun hemm iswed fuq l-abjad minn fejn se jiġu l-fondi. Is-Sindku ltaqa mad-Direttur tal-Kultura fi ħdan l-MGOZ, li minn naħa tiegħu se jkellem lis-Segretarju Permanenti fuq din il-kwistjoni. Aġġornament tas-sitwazzjoni u xi żviluppi ġodda jingħataw fil-laqgħat li ġejjin.

48.4.7 Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jgħamel talba għad-devoluzzjoni ta' biċċa art li tinsab fi Triq Skerla. Il-Perit kien baghat id-dokumenti neċessarji u se ssir applikazzjoni ġdida peress li kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni mad-Dipartiment konċernat.

48.4.8 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li applika mill-Cultural Funds tal-MGOZ għal attivita' għal żmien l-Għid bl-isem "Ġrajjietna", li ser issir nhar il-Ħadd 2 ta' April 2023 fi Triq tal-Gruwa.

48.4.9 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li erġajna applikajna għad-DNO għax iservi sentejn mall-Awtorita' tal-Ippjanar għal artistic installation bl-isem Ta' Sannat fid-daħla tal-lokalita'. Il-Perit diġa avzat u konsegwentament il-Kunsill għandu joħroġ it-*tender* konċernat.

## 48.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

48.5.1 Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri jekk kienx hemm xi mistoqsijiet.

48.5.2 L-ebda Kunsillier ma għamel mistoqsija.

## 48.6. Komunikazzjoni

48.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill b'Ċirkulari u Direttiva mibgħuta mid-DLG u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl dwar:
Ċirkulari Numru *SPI*/SCI/11/2022 – Korsijiet *Lifelong Learning* 2023/2024 offruti mid-Direttorat għar-Riċerka, Tagħlim Tul il-Ħajja u Impjegabilita'
Ċirkulari Numru 11/2022 – Emendi fir-Regolamenti dwar Gvern Lokali (Riżorsi Umani) Leġislazzjoni Sussidjarja 363.20
Direttiva 1/2023 – Performance Appraisal tas-Segretarji Eżekuttivi

48.6.2. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet mibgħuta mill-AKL u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:
13 ta' Diċembru 2022 – Cir AKL 2022/113 – Short article on the Association for Consumer Rights
19 ta' Diċembru 2022 – Cir AKL 2022/114 – Studju tal-PhD dwar it-tkabbir tal-ikel
05 ta' Jannar 2023 – Cir AKL 2023/001 – CALL FOR APPLICATION – to participate in the 2023 edition of the "Rejuvenating Politics" initiative
09 ta' Jannar 2023 – Cir AKL 2023/002 – Polza tal-Assigurazzjoni tal-Flus għall-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali
10 ta' Jannar 2023 -Cir AKL 2023/003 – Personal Accident Policy
09 ta' Jannar 2023 – Cir AKL 2023/004 – Save the Date: Consultation session on Malta's Sustainable Development Strategy for 2050

48.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill bl-imejls mibgħuta mir-Reġjun Għawdex u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn kienu dwar:
07 ta' Diċembru 2022 – FW: SAVE THE DATE: Regional Cultural Strategies launch – 16th December 2022
10 ta' Diċembru 2022 – Gozo Region – Household Waste Collection Tender (Collection Times)
15 ta' Diċembru 2022 – Calendar of Events
21 ta' Diċembru 2022 – RE: Gozo Region – Household Waste Collection Tender (Contracts (Community Works) Managers)

Ir-Reġjun Għawdex bagħat invit għall-Laqgħa Nru 113 li saret nhar il-Ġimgħa 6 ta' Jannar fil-5.30 pm.
06 ta' Jannar 2023 – ATTN: European Commission – Blue Book Traineeships for University Graduates with at least 3 Years of Study
09 ta' Jannar 2023 – Ghal Ghawdex – 8 point plan
10 ta Jannar 2023 – Ta' Sannat (Booklet)

48.6.4 Fis-1.45pm L-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ daħlet għal-laqgħa.

48.6.5 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-Kunsill li xi kumpaniji tal-Karnival talbu b'permezz tal-imjel biex jekk isir l-Karnival fil-lokalita', jipparteċipaw. Is-Sindku qal li peress li fil-pjazza qed isiru x-xogħlijiet, l-ispazju miftuħ hu limitat u anki issa se jkun hemm problema biex insibu data. Il-Kunsillier Tewma ssuġġerixxa l-area Ta' Cenc, pero se jkun hemm problema ta' parking tal-karozzi. Il-Kunsillier Bajada semma l-area ta' Cocco Palmieri u li nħeġġu l-għaqdiet tar-raħal biex jippartecipaw f'din l-attivita u jsir  xi ħaġa fuq skala żgħira. Dan is-suġġeriment intlaqa tajjeb u se jsir iktar diskussjoni fuq ic-chat tas-Social Media biex il-Kunsill jara l-possibilta' jekk isir.

48.6.6 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kellu jitlob kwotazzjoni tal-invertor tas-Solar Panels li hemm fuq il-bejt tal-Kunsill li ilu nstallat madwar għaxar snin, dan wara li staqsejna lill-Inġnier tal-Kunsill u dan meta ra intsab mitfi peress li saritlu ħsara estensiva bl-elementi naturali u b'hekk mhux qed jiġġenera enerġija rinovabli. Il-Kunsill qabel li dan l-invertor jiġi nstallat mill-ġdid.

## 48.7 Ħruġ ta' Offerti –

**Restawr tal-Kalkara tal-Ġir.**
**Eletrical works, Airconditioning and Audio Visual System**
**Pavimentar**
**Servizz għall-knis u t-tindif ta' toroq urbani**

48.7.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-offerta SNTLC 07/2022, dik għar-restawr tal-Kalkara tal-Ġir ma kienx hemm offerenti li xeħtu din l-offerta, għalhekk il-Kunsill kellu jerġa joħroġ din l-offerta fil-bidu ta' din is-sena u li din qed iġġib in-numru SNTLC 01/2023 Restoration of Limekiln at Triq Sannat, Ta' Sannat. Il-Kunsill ħatar bord għal evalwazzjoni u aġġudikazzjoni għal din l-offerta.

48.7.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-offerta SNTLC 05/2022, dik ta' Electrical Works, Airconditioning and Audio Visual System, b'fondi ewropej minn Miżura 4 (Rejuvinating Gozo) l-unika offerta mixħuta kienet over budget b'iktar minn 15% u għalhekk il-Kunsill kellu joħroġ mill-ġdid din l-offerta bin-numru SNTLC 02/2023. Il-Kunsill ħatar bord għal evalwazzjoni u aġġudikazzjoni għal din l-offerta.

48.7.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hemm il-ħtieġa li l-Kunsill joħroġ offerta għal xogħolijet ta' pavimentar. Il-Kunsill qabel ma dan. Il-Kunsill ħatar bord għal evalwazzjoni u aġġudikazzjoni għal din l-offerta.

48.7.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara laqgħat mall-ħaddiema assenjati mall-Kunsill u kif kien ġie diskuss f'laqgħat preċedenti l-Kunsill se jwaqqaf ix-xogħol tal-knis ta' toroq urban minn mall-kuntrattur peress li l-ispiza kienet eċċessiva u jibda jsir dan ix-xogħol minn dawn il-ħaddiema. Il-Kunsill diġa xtara l-bżonnijiet biex it-toroq fil-lokalita' jkunu ndaf u b'din is-sitema jitnaddfu aktar spiss. Peress li l-ħaddiema se jkunu qed inaddfu dawn it-toroq, xi xogħol ieħor mill-ħaddiema li qed isir bħalissa jista jkun ftit ristrett. Fejn isibu diffikulta

nitolbu l-għajnuna ta’ xi Kuntrattur biex ikunu nistgħu nkomplu ix-xogħol ta’ dawn il-ħaddiema speċjalment il-qtugh tal-ħaxix ħażin li jikber madwar il-lokalita’. Il-Kunsill qabel ma dan.

48.7.5 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li dwar l-offerta SNTLC 06/2022 Services Contract for the provision of Occupational Health and Safety (Competent Person) Supervisory Services to Ta’ Sannat Local Council, il-bord talab klarifikazzjoni lill-offerenti. Il-Kunsill qabel li għandu jmur għal irħas offerta skond l-evalwazzjoni u l-aġġudikazzjoni tal-bord.

48.7.6 Il-Kunsillier Tewma semma iż-żbir tas-sigar tal-Ficus ta’ l-iskola li kellu jsir, fejn is-Sindku qal li l-Kunsill irid jiġbor kwotazzjoni għal Cherry Picker u nużaw l-ħaddiema tal-aġrikultura fi ħdan s-sezzjoni tal-edukazzjoni.

## 48.8 Rapport ta’ Kull Kwart 3/2022

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li r-Rapport ta kull Kwart 3/2022 kien ntbgħat permezz tal-imejl flimkien mal-Aġenda u l-Minuti tal-laqgħa preċedenti għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma dan ir-rapport u dan ġie ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 48.9 Performance Bonus tal-Impjegat 2022

48.9.1 Is-Sindku qal li fl-aħħar laqgħa preċedenti ġie diskuss il-Performance Appraisal Report u Performance Bonus ta’ l-Impjegati għas-sena 2022 dak tas-Segretarju Eżekuttiv u dak tal-Assistent Uffiċjal Prinċipali fejn bi żvista nqabeż dak tal-Animal Welfare Steward. Il-Kunsill qabel unanimament li dan jingħata 6%.

## 48.10 Weekend Break soċjali u kulturali f’Malta 10-12 ta’ Frar 2023

48.10.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri li fuq talba ta’ residenti qed jissuġġerixxi kif talbu biex issir attivita’ soċjali u kulturali permezz ta’ weekend break f’Malta bejn il-Ġimgħa 10 festa pubblika u l-Ħadd 12 ta’ Frar 2023. Programm dettaljat ta’ din il-ġita se jkun qed jitqassam permezz ta’ fuljett. Il-Kunsill qabel ma din l-inizjattiva.

## 48.11 Dramm tal-Għid – “Ġrajjietna”

48.11.1 Is-Sindku qal li bħas-snin preċedenti minbarra dawk fi żmien il-COVID-19 ta’ kull sena kien qed jittella’ dramm fi żmien il-Għid. Din is-sena s-Sindku qal li akkwista dramm bl-isem “Ġrajjietna” li ser isir nhar il-Ħadd 2 ta’ Apirl 2023, fit-8.00 p.m., fi Triq tal-Gruwa. Dan id-dramm se jittella f’din il-ġurnata minflok fit-30 ta’ Marzu minħabba l-kunċert tal-banda. “Ġrajjietna” nkiteb minn Patri li llum huwa mejjet fl-1985 u ġie ipprenżentat fuq il-palk minn Joe Quotromani. Id-direttur tad-dramm, is-Sur George Mizzi għamel l-arrangamenti meħtieġa b’aspett modern tal-ħajja ta’ żminijietna. Il-Kunsill permezz tal-Facebook page diġa għamel avviż għas-sejħa tal-atturi lill-dawk li jixtiequ li jipparteċipaw. Din s-sejħa tagħlaq fl-aħħar ta’ Jannar. Il-Kunsill kif qal applika permezz tal-Cultural Funds fi ħdan il-MGOZ.

48.11.2 Fl-1 ta April 2023, se jsir Easter Market li fih se jkun hemm bajd ta’ l-Għid, figolli u tradizzjoniet marbuta ma’ l-ikel għal dawn iż-żminijiet. L-għaqdiet kollha tar-raħal se jintalbu biex jipparteċipaw u l-kunsill irid jaħseb għal-attrazzjoni muzikali għal din l-attivita’. Hemm

l-idea ukoll din is-sena tittella l-Golgota mis-Superjur tal-MUSEUM u xi artisti lokali se jiġu avviċinati biex tkun esebita. Ta' min isemmi li din it-tradizzjoni kienet issir fl-antik fir-raħal Ta' Sannat.

## 48.12 Jum Sannat 2023

48.12.1 Is-Sindku nforma li din is-sena Jum Sannat jaħbat il-Ġimgħa, it-28 ta' April u għalhekk dakinhar għandu jittella' programm mużikali kemm mill-banda Santa Margerita bil-parteċipazzjoni ta' kantanti u mużiċisti lokali li għandhom talent mużikali u possibilment tifforma xi band żgħira ta' strumenti differenti. Dakinhar jingħataw Premju Ġieħ Sannat u r-Rikkonoxximent Żgħażugħ/a tas-sena 2023. Dan l-avveniment għandu jsir fi Triq l-Isqof Davide Cocco Palmeri. Is-Sindku ssuġġerrixxa lill-Kunsillieri li din is-sena, għandu jsir filmat b'intervista żgħira ma kull rebbieħ preċedenti u jittella dan il-filmat fuq big screen, liema edizzjonijiet imorru lura għall-2005. Dan għandu l-ħsieb biex il-ġenerazzjoni żagħżugħa issir aktar familjari ma persunaġġi mir-raħal Ta' Sannat li għamlu ġieħ bil-kontribuzzjoni tagħhom. Dwar dan kien hemm qbil mill-Kunsill.

## 48.13 Attivitajiet oħra

48.13.1 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill b'attivitajiet oħra fosthom:
Wine Festival - Din l-attivita' se jsir il-Ħadd 30 ta' April, u qal li ħabat tajjeb li l-għada hija ġurnata pubblika, u għalhekk qed nistennew konkorrenza tajba. Bħala attrazzjoni għal din l-attivita se tigi mistieda l-kantanta żagħżugħa Jolene Samhan flimkien mal-band, hu fil-fatt se tiġi kkuntatjatha dritt wara l-laqgha minn ħabba d-disponibilta tagħhom f'din il-ġurnata.

48.13.2 Festa tal-Għaġina - Wara li Reġjun Għawdex irrinunzja mill-organisazzjoni ta' din l-attivita wara li ġie aġġudikat fondi, l-Kunsill Lokali Ta' Sannat u dak ta' San Lawrenz flimkien mal-Gozo Tourism Association aċċettaw li jorganizzaw din l-attivita. Is-Sindku qal li hu kien li ħareġ b'din l-invozzjoni ġdida. Dan il-festival se jinkorpora varjazzjoni ta' ikel differenti magħmul mil-għaġina b'kollaborazzjoni mas-Sur George Borg Chef rinomat mill-lokalita' Ta' Sannat. L-għaqdiet kollha tar-raħal se jkunu mistiedna, liema attivita għandha ssir fl-10 ta' Ġunju. Il-Kunsill irrisolva li jirrexxindi l-emenda għall-istatut tal-Fondazzjoni għall-iżvilupp reġjonali ta' Għawdex (GRDF), iffirmata mis-Sindku Philip Vella nhar is-27 t'Ottubru 2022 quddiem in-Nutar Anthony Hili, u joħloq minflok fondazzjoni ġdida b'għanijiet simili għas-sostenibilità ta' Għawdex, bħala membru fundatur. Il-Kunsill innomina lis-Sindku bħala r-rappreżentat tiegħu fuq il-fondazzjoni l-ġdida.

48.13.3 Beer Fesitval - se jigi organizzat fid-19 t'Awwissu speċjalmet għal fatt li din ix-xarba hija partikolarment popolari fix-xhur sħan tas-Sajf.

48.13.4 Musical qrib il-festa – Dan il-musical qed jinħadem mas–surmast ta' band, hu hemm il-ħsieb li jittella ħmistax qabel il-festa ta' Santa Margerita, għalkemm is-Sindku stqarr li ż-żmien huwa ftit ristrett. F'każ li ma jkunx se jitlaħaq għal din il-ġurnata, xorta dan il-musical jista jsir wara l-festa.

48.13.5 Bands matul l-weekends fis-sajf - Fix-xhur ta' Awwissu u Settembru għandhom jiġu mistiedna xi bands lokali, fejn id-dati għadhom iridu jigu stabbiliti. Dan għal-fatt li dawn l-attivitajiet huma marbuta direttament max-xogħlijiet skond li jkunu għaddejjin fil-pjazza.

48.13.6 Għana Fest flimkien mall-grupp folk, liema attivita' għandha tiġi organizzata xi darba fix-xahar ta' Ottubru.

48.13.7 World Children's Day - Din l-attivita' issir f'Novembru.

48.13.8 Attivitajiet tal-Milied – Bejn is-16 u s-17 ta' Diċembru għandu jsir Christmas Market. Għal din l-attivita' l-Kunsill għandu japplika għal-fondi relatati biex b'hekk jkun jista jġib bands biex din l-attivita' tkun waħda mill-aktar attraenti.

48.13.9 Hikes mas-Sindku – Is-Sindku bil-ħsieb li jibda jorganizza hikes għaż-żagħżagħ u għal dawk interessati madwar il-kosta tal-gzira Għawdxija. Is-Sindku qal li f'Awwissu hu se jitla l-muntanja Fuji, l-ikbar muntanja fil-Ġappun u dan se jsir b'risq l-ispecial Unit ta' l-iskola Ta' Sannat. Għandhom joħorġu xi leaflets b'informazzjoni u xi dati proposti għal dawn il-hikes.

## 48.14. Ilmenti u Suġġerimenti

48.14.1 Is-Sindku saqsa rigward il-bollards tad-dawl ta' ġnien il-Bidwi. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-quotations għadhom ma waslux dan minkejja li l-Kunsill ilu żmien jitlob dawn, u għalhekk is-Sindku enfasizza li jekk ma jintbagħtux isibu lil xi ħadd ieħor.

48.14.2 Il-Kunsill talab l-għajnuna tal-ħaddiema tal-MGOZ permezz tas-sistema tal-*Works Request Systems,* sabiex jiġi mwaħħal *shade* għal mal-bozza fuq bollard fi Pjazzetta Ta' Ċenċ (qabel tidħol għal Hotel Ta' Ċenċ) peress li hu perikoluż għax jista faċilment jintlaħaq mit-tfal.

48.14.3 B'referenza għall-ilment 41/2022, persuna talbet li jsir siment fl-entratura għal għalqa tiegħu fi Triq 28 ta' April 1688, sabiex ikun jista jinżel bit-tractor b'mod sigur. Hawnhekk ġie issuġġerit mill-Kunsill li titbaxxa l-bankina għalhekk għandu jara x'jista jsir.

48.14.4 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward skart mormi fi Triq Marziena. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dan inġabar mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill. Is-Sindku issuġerixxa li jitwaħħlu żewġ cameras. Il-Kunsill għandu jara x'jista jsir.

48.14.5 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward fanal imkisser fi Triq 28 ta' April 1688. Is-Sindku stqar li l-Kunsill kien applika għal fondi mill-Ambjent Malta, fejn dawn ta l-aħħar ma kienux aċċettaw l-applikazzjoni għax qalu li ma kienx hemm ritratti annessi, liema ritratti kienu ma l-applikazzjoni. Is-Sindku qal li għalhekk l-applikazzjoni messha kienet aċċettata u qed nistennew minn naħa ta' Ambjent Malta.

48.14.6 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward tabella mkissra fi Triq ix-Xewkija. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li din ġiet mibdula mill-MGOZ.

48.14.7 Il-Kunsill irċieva imjel mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward ħaxix ħażin fi Triq Mġarr ix-Xini. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-ħaddiema assenjati mall-Kunsill għandhom jgħamlu dan ix-xogħol wara li jlestu mill-qtugħ tal-ħaxix ħażin minn triq oħra.

48.14.8 B'referenza għall-ilment numru 01/2023, resident li joqgħod fi Triq Dun Luqa talab li ssir bankina ġdida quddiem ir-residenza tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li din it-talba ntbgħatet lil MGOZ bis-sistema tal-*Works Request System.*

48.14.9 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*intervention Team* – MGOZ rigward tabella mkissra Welcome to Mġarr ix-Xini. Is-Sindku qal li din inkissret mill-maltemp u għalhekk x'ħin ikun l-waqt u jgħaddi ftit żmien ieħor fejn ma jikkawżax maltemp terga tigi installata tabella oħra simili.

48.14.10 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni, sabiex jinbidlu l-erba' tabelli tal-iskeda ta' ġbir ta' skart li hemm fi Triq Palazz Palina, Triq Durell, Triq l-10 ta' Ottubru u Triq Ta' Bebunaq bil-bdil preċedenti nazzjonali. Dawn iridu jinbidlu mill-aktar fis.

48.14.11 Il-Kunsillier Clayton Tewma bagħat ittra rigward rapport li rċieva mingħand resident li joqgħod fi Triq Sannat, li nhar il-Ħadd l-ewwel ġurnata tas-sena 2023 għal ħabta tat-tlieta u nofs ta' filgħodu vettura tal-għamla pickup baqgħet dieħla ġo vettura pparkjata li sidha huwa dan l-istess resident. Huwa qal li xhur ilu eżattament meta tlesta l-proġett tal-junction ta' Triq Sannat, residenti li joqgħodu f'dawn l-akkwati wrew it-tħassib tagħhom li peress li t-triq twessgħet għal kif kienet qabel il-proġett kien hemm il-biża li vetturi jibqgħu ġejjin b'veloċita qawwija u b'hekk seta' jwassal għal inċident gravi. Wara li rċieva diversi ilmenti mingħand residenti, bħala Kunsillier kien ressaq it-talba ta' dawn ir-residenti sabiex tiġi nstallata roadhump ġdida f'laqgħa tal-Kunsill diversi xhur ilu. Din it-talba ġiet approvata b'mod unnanimu mill-Kunsilliera pero sfortunatament il-permess għal din ir-roadhump baqa ma nħariġix mill-awtorita' kkonċernata. Huwa qed jitlob li din l-ittra tgħaddi għand l-awtorita' kkonċernata. Is-Segretarju Eżekuttiv nfoma lill-Kunsill li hu bgħat reminder lill-TM dwar dan.

48.15.12 Is-Segretarju Eżekuttiv ġie informat mis-Sindku li l-*weekend* li għadda (7 u 8 ta' Jannar 2023) insterqu żewġ mirja li kienu fi Triq ix-Xewkija. Għaldaqstant is-Segretarju Eżekuttiv għamel rapport l-Għassa tal-Pulizija, bir-referenza 12/POL/134/2023. Is-Sindku enfasizza li din mhix l-ewwel darba li nsterqu xi tabelli bil-mirja u għalhekk talab biex meta dawn jiġu nieqsa għandhom jigi rrapurtati lill-pulizija. Il-Kunsill qabel biex dawn il-mirja jerġħu jiġu nstallati biex jiġi evitat kull inkonvenjent.

48.15.13 B'referenza għall-ilment numru 02/2023, resident li joqgħod fi Triq Marsilja talab li jitneħħew d-double yellow lines minn quddiem residenza privata f'din it-triq. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li dawn tneħħew mill-ħaddiema assenjati mall-Kunsill.

48.15.14 Il-Kunsill irċieva diversi ilmenti mingħand residenti li joqgħodu fi Triq it-Tempju tal-Imramma rigward ħofra perikoluża f'din it-triq. Il-Kunsill għandu jgħamel patching f'din il-ħofra.

48.15.15 B'referenza għall-ilment numru 03/2023, resident li joqgħod fi Triq Ta' Ċenċ talab li jerġa jinżebaħ parking tal-mutur quddiem ir-residenza tiegħu dan peress li kienet inqatet trinka u dan ma għadux jidher. Huwa issuġerixxa li tinkiteb MC jiġifieri sinjal tal-mutur. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li din it-talba intbagħtet lil MGOZ bis-sistema tal-*Works Request System.*

48.15.16 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward qtugħ ta' ħaxix fi Triq Dun Luqa. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li dan ix-xogħol qed isir mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill.

48.15.17 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward *bulky refuse* fi Triq Saguna. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dan għandu jinġabar għada mill-Kuntratur tal-Bulky Refuse.

48.15.18 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward ħofor fi Triq il-Kbira. Is-Sindku qal li dawn ġew ppeċjati l-bieraħ.

48.15.19 B'referenza għall-ilment numru 04/2023, residenti qed jitolbu li jitwaħħlu cameras fi Triq Marziena peress li qed jitħalla ammont ta' żibel qabel u wara li jitpoġġa l-skip. Il-Kunsill għandu jara x'jista jsir dwar dan.

48.15.20 B'referenza għall-ilment numru 05/2023, resident li joqgħod fi Triq Santa Marija qed jitlob li tiġi ppeċjata ħofra perikoluża f'din it-triq quddiem residenza tiegħu. Il-Kunsill għandu jippeċja din il-ħofra.

48.15.21 Il-Kunsillier Gauci ilmenta li kiber ħafna ħaxix fi Triq Harruba biex dan jinqata. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jinforma lill-Kuntrattur b'dan.

## 48.16 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 1/2023

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta' pagamenti Nru. 1/2023 li kienet intbgħatet permezz ta' imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Din ġiet moqrija mill-Kunsillier Gauci  Hu qal li dawn il-pagamenti għandhom jitħallsu bis-sistema tal-Internet Banking. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-Kunsillier Gauci u ssekondata mill-Kunsillier Tewma. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## 48.17 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

48.17.1 Il-laqgħa ntemmet fl-4.03 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar 14 ta' Frar 2023, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 14 ta' Frar, 2023

| | |
|---|---|
| **(iffirmata)** | **(iffirmata)** |
| Philip Vella<br>Sindku | Jason Curmi<br>Segretarju Eżekuttiv |